TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 129/11

**Desmond Scicluna**

**vs**

**Telefonika Mobile Centre**

Illum 2 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-23 ta' Marzu, 2011 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' mija u ħmistax-il ewro (€115), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* li wara li xtrah ġralu l-ħsara u ma setax jissewwa.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, minkejja li attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *mobile phone* għall-prezz ta' mija u ħmistax-il ewro (€115) mingħand id-ditta intimata u minkejja li kellu diversi ħsarat u li ġew imsewwija, xorta baqa' bl-istess problemi, kif ukoll illi baqa' jikkomplejnja fuq il-buttuni li ma setgħux jingħafsu.

Ir-rikorrenti ġie nfurmat wara t-tielet ħsara li l-*mobile phone* ġie mxarrab.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi l-ħsarat kienu tort tar-rikorrenti u li kien imxarrab u li ma setax jiġi msewwi u li dan kif qallu t-*technician* tiegħu.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi l-intimat ma ġabx dik il-prova soddisfaċenti sabiex jiġi konvint illi verament kien hemm dik il-ħsara.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li l-intimat, sal-ħin tas-seduta kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070 FAX. (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata jħallas l-ammont ta' tmenin ewro (€80), b'dan illi l-*mobile phone* jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**